# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 609/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Anne Carmen Zelbst**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta, Anne Carmen Zelbst, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 513054M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Ġunju, 2016 għall-ħabta tal-22:40hrs, f'Buontempo Estate, Wied Ħal Balzan, Balzan;

1. Insulentat, hedded jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil Sharon Mifsud,
2. Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju,
3. Bl-Imġieba tagħha, ikkaġunat lil Sharon Mifsud biża li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjeta' tagħha jew

kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-6 ta' Diċembru, 2016 li biha wara li rat l-artikoli 339 (1) (e), 338 (dd), 251 B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante rinunzja fuq it-tielet imputazzjoni, lliberat lill-imputata minn dik l-imputazzjoni izda sabitha hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minflok li imponiet piena imponiet ordni taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appellanta Anne Carmen Zelbst, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Diċembru, 2016, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermaha** fil-parti liberatorja tagħha, tirrevokaha fil-bqija u konsegwentement tiddikjaraha mhux ħatja tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u tilliberaha minn kull ħtija u piena skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

1. L-appellanta tillanja s-sentenza appellata bil-gravm singolari ta' sejbien ta' htija zbaljat meta l-ewwel Qorti ghazlet li tqis il-verzjoni tal-kwerlanta bhala aktar kredibbli.

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, jehtieg li tkun deciza l-kwistjoni sollevata *ex officio* minn din il-Qorti dwar il-possibbli nullita' tas-sentenza appellata stante li l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali minflok il-piena wara sejbien ta' htija. Din il-kwistjoni kienet sollevata minn din il-Qorti fl-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2019 għad-diskussjoni mill-partijiet peress illi l-artikolu 412Ċ ma huwiex piena iżda konsegwenza tal-piena f'każ li l-Qorti tkun teħtieġ li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna;

3. Fil-fehma tal-Qorti, s-sentenza appellata hija karenti minn element essenzjali għal-validita' tagħha konsistenti fin-nuqqas ta' formalita' essenzjali skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali bl-ommissjoni ta' kominazzjoni tal-piena wara sejbien ta' ħtija. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi "***Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dak ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat".*** Fil-każ hawn skrutinat, wara li l-ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellanta, minflok li għaddiet sabiex teroga l-piena, imponiet fuqha il-kondizzjonijiet ravviżati fl-artikoli 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali intiżi biex iħarsu s-sigurta' tal-parti offiża. Naturalment huwa possibbli għall-Qorti li tapplika l-provediment tal-Kapitolu 446 minflok ma teroga piena. Tista' ukoll tirrikorri għall-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u tiffissa ammont bħala garanzija sabiex tiżgura s-sigurta' tat-terz jew biex tiżgura li ma tinkisirx l-buon ordni mill-ħati. Dan l-ahhar artikolu jista jkun mpost flimkien mal-piena jew minflok il-piena;

4. L-appellanta kienet misjuba hatja ta' ksur tal-artikoli 339(1)(e) u l-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li iġorru magħhom l-piena ghall-kontravvenzjonijiet, jiġifieri,

skond l-artikolu 7(2) d-detenzjoni għal massimu ta' xahrejn jew skond kif provdut mod ieħor (artikolu 12(2), l-ammenda massimu ta' €58.23 (art 13 (1) sakemm mhux provdut mod ieħor, ċanfira jew twiddiba kif ukoll l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta. Issa, u kif gia ingħad, skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tista' minflok il-piena jew flimkien magħha sabiex jinżamm l-ordni pubbliku, torbot lil-ħatja b'obligazzjoni taħt penali ta' somma ta' flus. Huwa biss f'din l-istanza u kull fejn jipprovdi l-Kodiċi Kriminali jew liġi oħra fejn Qorti tista' tagħzel li minflok il-piena timponi kondizzjoni konsimili u b'hekk xorta waħda jkun sodisfatt il-vot tal-artikolu 382. Fejn dan mhux provdut, allura l-Qorti ma tistax *marte proprio* tassumi tali poter *sic et simplicitur*. L-artikolu 412 Ċ tal-Kodiċi Kriminali ma huwiex piena u għalhekk ma jissodisfax il-vot tal-liġi kif ravviżat fl-artikolu 382 tal-istess Kapitolu;

5. In-nuqqas tal-ewwel Qorti huwa wiehed ta' formalita' essenzjali u dik il-karenza tirrendi nulla s-sentenza prolatata kif gia deċiż minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza Il-Pulizija vs Leonard Cutajar 543/2016 EG – 27.4.2017, Il-Pulizija vs Charles Magri App Krim 430/2016 EG – 31.5.2017, Il-Pulizija vs Pier Giorgio Buttigieg 254/2016 GMG – 28.5.2018. Għalhekk qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla u ai termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu;

6. Opportunement irid jingħad ukoll illi n-nullita' ta' sentenza ġġib magħha ċertu konsegwenzi ossia effetti, fosthom illi l-aggravji fir-rikors tal-appell issa jitqiesu bħala sottomissjonijiet (Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech – App Krim 10/9/2007). Inoltre, tajjeb li jkun imfakkar illi d-deċizjoni mill-

ġdid issir dwar dawk l-imputazzjonijiet fejn instabet ħtija u mhux fejn kien hemm liberatorja (Pulizija vs Karmenu Attard App Krim 28.4.1995). Dan jghodd ghall-kaz odjern stante li l-imputata kienet liberata mit-tielet imputazzjoni. Konsegwenza oħra imbagħad tirrigwarda l-piena għaliex din il-Qorti ma tkunx marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u din tista' ukoll tkun anqas jew aktar minn dik kominata (Il-Pulizija vs Joseph Farrugia 13.1.1995 App Krim);

7. Il-fatti ta' dan huma fis-semplicita' taghhom li l-appellanta accediet ghar-residenza tal-parte civile wara li rceviet messagg minghand l-ex partner tal-istess parte civile u habtet mal-bieb biex tkellimha. Jidher inkontestat illi l-l-parte civili kienet siefret u qattghet tmiem il-gimgha ma' persuna li hija l-ex partner tal-imputata. Appena l-imputata irceviet il-messagg minghand l-ex partner tal-parte civile, din tal-ahhar tghid illi l-appellanta bdiet thabtilha mal-bieb ghall-habta tal-hdax nieqes ghoxrin ta' filghaxija, theggeg lill-parte civile tohrog u tghidilha li taf li kienet qieghda gewwa u bdiet tghajjarha minn wara l-bieb. L-appellanta tghid li marret hemm biex tkellimha u ma ghamlet l-ebda storbju kif allegat il-parte civile;

8. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni huma s-segwenti: Permezz ta' affidavit, WPS 198 Jennyfer Caruana iddikjarat li kienet infurmata mill-control room li Sharon Mifsud talbet l-assistenza tal-pulizija peress li kien hemm mara ssabbat mal-bieb tar-residenza tagħha. Hi marret mill-ewwel izda ma sabet lil ħadd wara l-bieb iżda meta fetħitilha l-kwerelanta qaltilha li dik kienet Anne Carmen Zelbst (l-ex partner tal-imgħallem tagħha) u li kienet marret għandha għax saret taf b'email li hi u l-imgħallem tagħha kienu marru xogħol jumejn Vienna. Meta kellmet lil Anne Carmen Zelbst qaltilha li mhux veru li l-ex partner tagħha kien l-imgħallem tas-sinjura Mifsud għax din

ma kinitx qed taħdem u li hi marret hemm biex tkellimha biss. Inoltre, ċaħdet li għajritha bil-kelma "bitch";

9. Il-kwerelanta Sharon Mifsud qalet li għall-ħabta tal-10:45p.m xi ħadd beda jħabbat mal-bieb tagħha , taħbit kbir u kostanti u għajjat. Hi kienet fuq it-telefon ma' ħabiba tagħha, qatgħet u ċemplet lill-Alfred Mifsud u qalilha biex ma tiftaħx il-bieb u biex iċċempel lill-pulizija. Hi gharfet lill-imputata minn lehinha bhala l-ex partner ta' Mifsud u bdiet tghajjat: "*I know you're in there, get out bitch"*. Bl-istorbju li għamlet il-ġirien tagħha staqsewha , l-għada filgħodu, kienx ġaralha xi ħaġa. Hi rat lis-sinjura minn wara l-purtieri Għalkemm fl-affidavit hemm miktub li hi kienet marret Vienna fuq xogħol mal-imghallem tagħha, fix-xhieda kkonfermat li hu l-ex imghallem u li ma kienitx marret mieghu fuq xoghol.

10. L-imputata kkonfermat li kienet marret ghand il-parte civile dak inhar u f'dak il-hin wara li rceviet messagg minghand l-ex partner tal-istess kwerelanta u dan biex tkellimha u nnegat li habtet mal bieb u ghajritha u ghajtet kif iddeskriviet il-kwerelanta;

11. Rappreżentant ta' Jobs Plus kkonferma li fis-6 ta' Ġunju, 2016 Sharon Mifsud kienet impjegata ma' AIB Insurance Brokers u rappreżentant tal-MFSA kkonferma li Alfred Mifsud irreżenja minn Direttur tal-Kumpanija Allcare Insurance Limited fl-1 t'Awwissu, 2014 (fejn kienet impjegata l-kwerelanta precedentement izda mhux fiz-zmien tal-incident).

12. Magħmula din ir-rassenja tal-provi, ser ikunu konsiderati l-aggravji, allura issa sottomissjonijiet tal-imputata.

13. Skond l-appellanta hi ghandha tkun emmnuta u mhux il-kwerelanta u dan għaliex fix-xhieda tagħha, hija kienet skjetta, konsistenti u ċara għall-aħħar mentri l-parti ċivile Sharon Mifsud kienet inkonsistenti. Sharon Mifsud ma kienitx onesta meta ċemplet għall-assistenza tal-pulizija meta qaltilhom li kienet marret weekend xogħol Vienna mal-imgħallem u dan għaliex Alfred Mifsud ma kienx għadu l-imgħallem tagħha u fuq xogħol żgur ma kienitx. Fuq dan il-gideb ix-xhieda tal-kwerelanta ghandha tkun skartata;

14. Din il-Qorti tqis illi dawn id-dettalji ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni fid-decizzjoni dwar min hu l-aktar kredibbli. Fl-ewwel lok dettall li nizzlet l-ufficcjal tal-Pulizija meta kellmet lill-kwerelanta u li huma ta' natura insinifikanti u ta' ebda konsegwenza ghaliex certament la kienet l-ufficjal tal-Pulizija u wisq anqas din il-Qorti li tiggudika jekk dak iz-zmien il-persuna li mieghu marret barra minn Malta kienx l-imghallem taghha jew le proprju f'dak iz-zmien. Dawk jarawh il-partijiet quddiem istanzi ohra. Jekk waqt ir-rapport il-kwerelanta qalitx li dak kien l-imghallem jew l-ex imghallem taghha huwa fatt ta' ebda portata;

15. Dak li ser jittiehed in konsiderazzjoni ghar-ricerka tal-verita' huwa l-fatt illi l-appellanta *ex admissis* tghid illi marret ghand il-kwerelanta appena rceviet il-messagg ossia email f'hinijiet li m'humhiex ezattament idonei biex "tkellem" persuna li ma tafhiex u qatt ma ratha qabel. L-appellanta issostni li s-sinjura Mifsud kienet gidbet lil pulizija dwar li kienet *weekend* mal-boss għax is-sur Mifsud ma kienx għadu l-boss tagħha. Iżda fix-xhieda tagħha, s-sinjura Mifsud issostni li s-surgenta kienet qaltilha kollox u li kien l-ex boss tagħha.

16. Il-Qorti tghazel li temmen lill-kwerelanta dwar it-tghajjir u insulti. Kwantu, izda, dwar il-ksur ta' bon ordni u paci pubbliku, l-provi m'humhiex daqshekk sodi ghaliex dak li ghall-kwerelanti jista' jammonta ghall-storbju mhux necessarjament jirraviza dik l-inkolumita' u biza fin-nies tant li jammonta ghad-disturb tal-paci pubbliku. L-fatt illi l-kwerelanta tghid illi l-ghada, l-girien staqsewha x'kien gara, hija biss hearsay u mhix prova ta' dak li fil-fatt gara;

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, qed issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni, ma ssibhiex hatja tat-tieni imputazzjoni u tilliberaha minnha u tikkonferma n-nuqqas ta' htija u liberazzjoni taghha mit-tielet imputazzjoni;

18. Wara li rat l-artikolu 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta minflok ma teroga piena u biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Sharon Mifsud, qed torbot lill-appellanta Anne Carmen Zelbst b'obbligazzjoni personali għal żmien tnax-il xahar mil-lum taħt penali ta' tlett mitt (€300) Ewro.

Il-Qorti fissret lill-appellanta l-obbligi taghha naxxenti minn din is-sentenza.

Finalment, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-ewwel Qorti skond il-ligi.